*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,938, 10 ta' Ottubru, 2022*
*Taqsima C*

# Nru 17

10. 10. 2022

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Jonathan Attard, M.P., Ministru għall-Ġustizzja, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tal-4 ta' Ottubru 2022.

**ATT sabiex jipprovdi għat-twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika.**

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Jonathan Attard, M.P., Minister for Justice, and read the First time at the Sitting of the 4th October 2022.

**AN ACT to provide for the establishment of the Committee for the Recommendation of Measures for the Protection of Journalists, other Media Actors and Persons in Public Life.**

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

**ABBOZZ TA' LIĠI**
**msejjaħ**

*ATT sabiex jipprovdi għat-twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2022 dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika. Titolu fil-qosor.

**2.** (1) Għandu jiġi mwaqqaf kumitat imsejjaħ il-Kumitat għar-Rakkomandazzjoni ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, ta' Persuni oħra b'irwol fil-Midja u ta' Persuni fil-Ħajja Pubblika li jkun maħtur mill-Ministru responsabbli għall-affarijiet ta' sigurtà, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat". Kumitat għar-Rakkomandazzjoni ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, ta' Persuni oħra b'irwol fil-Midja u ta' Persuni fil-Ħajja Pubblika.

(2) Il-Kumitat għandu jkun magħmul mill-erba' (4) membri li ġejjin:

(a) is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru responsabbli għall-affarijiet ta' sigurtà, li għandu jippresjedi;

(b) il-Kummissarju tal-Pulizija jew rappreżentant tiegħu;

(ċ) il-Kap tas-Servizz tas-Sigurtà ta' Malta jew rappreżentant tiegħu;

(d) il-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta jew rappreżentant tiegħu:

Iżda kwalunkwe persuna li taġixxi f'kapaċità ta'

rappreżentant fuq il-Kumitat għandha tkun persuna ta’ kariga għolja fil-forza jew servizz rispettiv.

(3) Il-Kumitat għandu jkollu l-funzjoni li jagħmel rakkomandazzjonijiet u li jikkoordina l-azzjonijiet tal-forzi u s-servizz rappreżentati fuqu dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

(a) sabiex jirrispondi għal kwlaunkwe riskji reali u immedjati ta’ atti ta’ vjolenza kontra ġurnalisti, persuni oħra b’ irwol fil-midja u persuni fil-ħajja publika;

(b) sabiex jiddeċiedi dwar miżuri lil’ hinn minn soluzzjonijiet *ad interim* sabiex jiġġestixxi kwalunkwe riskju li jiltaqgħu miegħu ġurnalisti, persuni oħra b’irwol fil-midja u persuni fil-ħajja pubblika;

(ċ) li jfassal pjan ta’ sigurtà li għandu jkun ibbażat, fost affarijiet oħra, fuq evalwazzjonijiet ta’ theddid, li jagħtu konsiderazzjoni xierqa lill-livelli ta’ theddid, ta’ riskju u ta’ vulnerabbilità, lis-sistemi ta’ avviż bikri u sistemi ta’ reazzjoni ta’ malajr;

(d) sabiex jipprovdi għall-protezzjoni meħtieġa lill-ġurnalisti u persuni oħra b’irwol fil-midja; u

(e) sabiex jipprovdi għall-protezzjoni meħtieġa lill-persuni fil-ħajja pubblika.

(4) Il-Kumitat għandu jopera bħala parti mill-Ministeru responsabbli mill-affarijiet ta’ sigurtà u għandu jkun iffinanzjat mill-allokazzjoni finanzjarja tal-istess Ministeru.

(5) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom, il-membri tal-Kumitat għandhom jaġixxu fuq il-ġudizzju indipendenti tagħhom u għandhom iqisu l-importanza tal-protezzjoni tal-ħajja demokratika kif ukoll ir-riżorsi u l-eżiġenzi tal-amministrazzjoni pubblika u l-prinċipju tal-proporzjonalità.

(6) Il-laqgħat tal-Kumitat għandhom jissejħu mill-persuna li tippresjedi kif ikun meħtieġ jew fuq talba ta’ żewġ (2) membri tal-Kumitat.

(7) Il-*quorum* għal-laqgħat tal-Kumitat għandu jkun magħmul mill-persuna li tippresjedi u membru ieħor.

(8) Il-Kumitat għandu jżomm il-minuti tal-laqgħat kollha tiegħu u għandu jinforma lill-Ministru responsabbli għall-affarijiet tas-sigurtà bil-kontenut ta’ dawk il-minuti jew ta’ partijiet minnhom kif iqis

xieraq.

(9) Il-Kumitat għandu, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, jirregola l-proċedura tiegħu stess.

---

## Għanijiet u Ragunijiet

L-għanijiet u r-ragunijiet ta' dan l-Abbozz huma sabiex jipprovdi għat-twaqqif formali b'mod immedjat tal-Kumitat għar-Rakkomandazzjoni ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, ta' Persuni oħra b'irwol fil-Midja u ta' Persuni fil-Ħajja Pubblika bil-għan li jkomplu jsaħħu l-miżuri li diġà ttieħdu għall-protezzjoni tas-soċjetà u tal-ħajja demokratika u għas-salvagwardja tas-saltna tad-dritt.

**A BILL**
**entitled**

*AN ACT to provide for the establishment of the Committee for the Recommendation of Measures for the Protection of Journalists, other Media Actors and Persons in Public Life.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:-

Short title.

**1.** The short title of this Act is the Committee for the Recommendation of Measures for the Protection of Journalists, other Media Actors and Persons in Public Life (Establishment) Act, 2022.

Committee for the Recommendation of Measures for the Protection of Journalists, other Media Actors and Persons in Public Life.

**2.** (1) There shall be established a Committee to be known as the Committee for the Recommendation of Measures for the Protection of Journalists, other Media Actors and Persons in Public Life to be appointed by the Minister responsible for security matters, hereinafter referred to as "the Committee".

(2) The Committee shall be composed of the following four (4) members:

(a) the Permanent Secretary in the Ministry responsible for security matters who shall preside;

(b) the Commissioner of Police or his representative;

(c) the Head of the Malta Security Service or his representative;

(d) the Commander of the Armed Forces of Malta or his representative:

Provided that any person acting in a representative capacity on the Committee shall be a person of senior rank in the

respective force or service.

(3) The Committee shall have the function of making recommendations and of coordinating the actions of the forces and service represented thereon on the following matters:

(a) to respond to any real and immediate risks of acts of violence against journalists, other media actors and person in public life;

(b) to decide upon measures beyond interim solutions in order to manage any risk encountered by journalists, other media actors and persons in public life;

(c) to draw up a security plan which shall be based, amongst other matters, on threat assessments which give due consideration to the levels of threat, risk and vulnerability, early warning systems and systems of rapid response;

(d) to provide the necessary protection for journalists and other media actors; and

(e) to provide the necessary protection for persons in public life.

(4) The Committee shall operate as part of the Ministry responsible for matters of security and shall be funded from the financial allocation of the same Ministry.

(5) In the performance of their functions, the members of the Committee shall act on their own independent judgment and shall take into consideration the importance of protecting the democratic way of life as well as the resources and demands of the public administration and the principle of proportionality.

(6) The meetings of the Committee shall be called by the person presiding as necessary or at the request of two (2) members of the Committee.

(7) The *quorum* for Committee meetings shall be constituted by the person presiding and another member.

(8) The Committee shall keep minutes of all its meetings and shall inform the Minister responsible for matters of security of the content of the said minutes or part thereof as it may consider appropriate.

(9) The Committee shall, without prejudice to the provisions of

this article, regulate its own procedure.

---

## Objects and Reasons

The objects and reasons of this Bill are to provide for the formal and immediate establishment of the Committee for the Recommendation of Measures for the Protection of Journalists, other Media Actors and Persons in Public Life for the purpose of further strengthening the measures already taken for the protection of society and of the democratic way of life and for the safeguard of the rule of law.

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC — *Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper*

Prezz/*Price*
€0.36